C/2025/6250

19.11.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12122 – COMPASS / VERMAAT)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/6250)

1. Fis-6 ta' Novembru 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Il-Grupp Compass PLC ("Compass", ir-Renju Unit),

— Vincent Topco B.V., kumpanija azzjonarja tal-grupp ta' kumpaniji Vermaat ("Vermaat", in-Netherlands).

Compass se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Vermaat kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Compass tipprovdi servizzi tal-ikel esternalizzati u servizzi ta' konċessjoni lil klijenti f'diversi setturi. Hija tipprovdi wkoll ċerti servizzi anċillari ta' appoġġ bħal servizzi ta' ġestjoni tal-faċilitajiet u ta' tindif, kif ukoll servizzi ta' akkwist tal-ikel. Hija attiva fl-UE, fl-Istati Uniti u fir-Renju Unit.

— Vermaat tipprovdi servizzi tal-ikel esternalizzati u servizzi ta' konċessjoni lil klijenti f'diversi setturi. Vermaat hija primarjament attiva fin-Netherlands u, sa ċertu punt, fi Franza, fil-Ġermanja u fil-Belġju. Hija topera wkoll għadd limitat ta' ħwienet ta' konvenjenza tal-ikel taħt l-ismijiet STACH, AH to go (taħt franchise) u La Place (bħala impriża konġunta) fin-Netherlands.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12122 — COMPASS / VERMAAT

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

Il-Kummissjoni Ewropea/ European Commission
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni/Directorate-General for Competition
Ir-Reġistru tal-Fużjonijiet/Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").